# Qorti tal-Appell Kriminali

**Onor. Imhallef Dr. Antonio Mizzi LL.D., Mag. Juris (Eu Law)**

**Appell Numru: 502/2014**

Il-Pulizija

vs

**Kenneth Borg**

iben Nazzareno, imwieled Pieta', fit-12 ta' Jannar, 1975, detentur tal-karta ta' l-identita' numru 112075(M)

Illum, 2 ta' Frar, 2016

Il-Qorti,

Rat l-akkuzi dedotti kontra l-appellant Kenneth Borg quddiem il-Qorti tal-Magistrati (Malta):

Talli fis-17 ta' Marzu 2014 ghal habta tas-sitta u kwart (6.15 p.m.) ta' fil-ghaxija gewwa z-Zurrieq volontarjament:

1. gab ruhu b'mod li ta fastidju lil martu Joanne Borg meta kien jaf jew messu kien taf li dan kien ta' fastidju ghal imsemmija persuna;

2. bl-imgieba tieghu kkagunajt lil martu Joanne Borg biza' li ser tintuza vjolenza

kontriha jew kontra il-persuna jew il-propjeta' ta' xi hadd mill-axxendenti, dixxendenti ahwa subien jew bniet jew xi persuna ohra msemmija fl-artikolu 222(1) tal-Kodici Kriminali;

3. Talli meta hu kien mehtieg jattendi gewwa l-ghassa tal-pulizija nhar it-tmintax (18) ta' April, 2014 naqas li jaghmel dan u dan bi ksur ta' l-artiklu 355AD(3) tal-Kap 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat is-sentenza tal-Qorti tal-Magistrati (Malta) tal-24 ta' Novembru, 2014 fejn il-Qorti wara li rat l-artikoli 251 A(1)(a)(b), 251 B(1) u 355 AD(3) tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta, ma sabitux hati tat-tieni (2) u tat-tielet (3) akkuza u ghaldaqstant illiberatu minnhom. Sabitu hati tal-ewwel akkuza u kkundannatu xaharejn prigunerija sospizi ghal sentejn taht is-supervisjoni ta' ufficjal tal-probation, ai termini tal-artikolu 28G tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta. Ordnat inoltre l-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni ghal sentejn favur Joanne Borg ai termini tal-artikolu 415C tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat ir-rikors tal-appellant Kenneth Borg ipprezentat fit-3 ta' Dicembru, 2014 fejn talab li din il-Qorti joghgobha tikkonferma s-sentenza appellata tal-erbgha u ghoxrin (24) ta' Novembru, 2014 moghtija mill-Qorti tal-Maggistrati (Malta) bhala Qorti ta' Gudikatura Kriminali fil-parti fejn illiberat lill-esponenti mit-tieni (2) u t-tielet (3) akkuza lilu addebitata, u tirrevoka u thassar l-istess sentenza fil-parti fejn l-ewwel Onorabbli Qorti ikkundannat lill-appellant ghal xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn taht supervizjoni u tar-revoka ta 'Protection Order' u dan taht dawk il-provedimenti li jidrilha xierqa u opportuni.

Rat l-aggravji tal-appellant u cioe':-

Illi l-esponenti fl-ebda hin ma kien ta fastidju jew seta' jkun jaf li b'ghemilu huwa seta' b'xi mod jigi kunsidrat li qed ikun ta' fastidju ghal Joanne Borg.

Illi bejn l-esponenti u martu ghaddejjin proceduri ta' separazzjoni u l-imsemmija Joanne Borg tul kemm ilhom ghaddejin dawn il-proceduri, dejjem pingiet ruha bhala persuna li tinsab ghaddejja minn diffikultajiet finanzjarji.

Illi kien ghalhekk illi l-esponenti ma setax jemmen lilu nnifsu u saq wara din il-vettura u dan propju sabiex jaccerta ruhu li l-vettura kienet l-ewwelnett qeghda tigi misjuqa minnha.

Minn imkien, tul is-smiegh tal-kaz, ma rrizulta li f'xi hin l-esponenti saq b'mod hazin jew xorta ohra agixxa b'mod barra minn loku tant li ma giex akkuzat b'sewqan traskurat, perikoluz jew xort'ohra.

Sempliciment saq wara vettura ghax kellu raguni valida, fil-kaz tieghu, li jsegwi dik il-vettura sabiex ikun zgur minn dak li ra u li kien jikkuntrasta bi kbir ma dak li l-istess Joanne Borg, martu, ddikkjarat quddiem il-Qorti.

Illi dan fl-ebda mod ma jammonta ghal fastidju.

Illi l-esponenti ma seta qatt jigi misjub hati li huwa ta' fastidju meta l-persuna koncemata hija, ai fini u effetti kollha tal-ligi martu.

Illi materjalment mil-fatt illi l-esponenti u Joanne Borg presentement jinsabu ghaddejjin minn proceduri ta' separazzjoni hija xorta wahda tibqa, legalment, martu u ghalhekk ghandu kull interess li jkun jaf b'dak li tkun ghaddejja bih martu.

Illi, ghaldaqstant, l-fatt li l-esponenti ha nteress ma jammontax ghal fastidju.

Illi filwaqt li l-esponenti jissottometti illi l-ewwel akkuza ma tregix, il-piena rifletta hija wahda eccessiva.

Illi l-piena inflitta u cioe' xaghrejn habs sospizi ghal sentejn taht supervizjoni u il-hrug ta' Protection Order ma hiex piena gusta fil-komportament ta' dak li attwalment sehh.

L-agir tal-esponenti kien wiehed semplici fis-sens illi huwa ried juri lil martu illi l-verita' kienet harget u mhux il-kaz illi tibqa ggebbed il-proceduri tas-separazzjoni.

Illi minn imkien ma rrizulta li dan kien xi agir li seta ta lok ghal xi biza peress illi:

a) Ma hemm l-ebda dubju li Joanne Borg ma setghet qatt tqis jew tara xi vjolenza da parte ta' l-esponenti ghax ilha s-snin mieghu f'separazzjoni li messha ilha li giet konkluza.

b) Di piu' kienet hi li attakkat lill-esponenti minghajr ma hu biss irreagixxa.

Illi ghalhekk, li tigi inflitta piena ta' prigunerija rnhux talli hija piena eccesssiva izda barra minn lokha fic-cirkostanzi specjali ta' dan il-kaz.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjoni tal-partijiet.

Rat il-fedina penali aggornata tal-appellant ezebita mill-prosekuzjoni fuq ordni tal-Qorti.

Ikkunsidrat,

Illi bil-verbal tat-2 ta' Frar, 2016 il-parte civile Joanne Borg infurmat lill-Qorti li ma ghandhiex aktar interess f'din il-kawza.

Illi min-naha tiegghu l-appellant iddikjara li mhux se jimmolesta aktar lil martu Joanne Borg.

Ghaldaqstant, fic-cicirkostanzi ta' dan il-kaz, tikkonferma s-sentenza appellata. Dwar il-piena. Thassar u tirrevoka sentenza appellata fejn l-ewwel Qorti kkundannat lill-appellant ghal piena ta' xahrejn prigunerija sospizi ghal sentejn taht is-supervizjoni ta' Probation Officer u minflok tillibera lill-appellant taht il-provvedimenti tal-artikolu 22 tal-Kapitolu 446 tal-Ligijiet ta' Malta bil-kondizzjoni li ma jaghmilx reat iehor fi zmien sena mil-lum. Minbarra dan, ma hemmx il-htiega tal-hrug ta' Ordni ta' Protezzjoni favur il-parte civile.